**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 16/2019 RM**

**Vincent Caruana**

**-Vs-**

**Francis Caruana sive Frank Caruana u Joseph Caruana**

**Illum, 13 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu Vincent Caruana talab li l-konvenuti Francis sive Frank Caruana u Joseph Caruana jiġu kkundannati jħallsuh is-somma ta' lilhu s-somma ta' hamest elef erbgha u erbghin ewro (€5,044) rapprezentanti rifuzjoni ghall-hlasijiet li saru mill-attur relatati mal-garr ta' ghamara mill-fond bl-indirizz Flat 6, Block 1, Scheme 3, Paola Hill, Paola u l-imagazzinar tal-istess ghamara bejn l-1 ta' Marzu, 2010 u t-3 ta' Settembru, 2014. Tali somma surriferita ma gietx imhallsa mill-konvenuti ntimati minkejja li gew nterpellati diversi drabi biex jaghmlu dan. Ghalhekk minhabba l-passivita' u l-inattivita' tal-intimati konvenuti, l-attur rikorrent kien kostrett li jaffettwa dan il-hlas hu personalment.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Francis sive Frank Caruana pprezentata fis-27 ta' Frar 2019 fejn eċċepixxa:-

"*1. Illi preliminarjament, mhijiex cara l-bażi ta' l-azzjoni attrici, u in partikolari jekk l-attur huqiex qed jaġixxi ex contractu, ex delicto, ex quasi-contractu jew ex-quasi-delicto; l-esponent għaldaqstant jirriżerva li jippreżenta l-eccezzjonijiet tieghu fil-mertu ladarba tkun cara tali bażi legali;*

*2. Illi minghajr preġudizzju ghas-sueccepit, jigi eccepit illi sa issa l-interpellazzjonijiet ta' l-attur, li kienu diversi, dejjem kienu jirreferu ghal somom allegatament dovuti lil terzi, u huwa permezz ta' l-avviz promotur biss illi l-esponent gie notifikat lill-atturi qieghed issa jallega li ħallas tali spejjez u li qieghed jippretendi rifużjoni taghhom; ghaldaqstant, apparti li trid issir il-prova tal-ħlas u ta' l-assenjazzjoni jew tas-surrogazzjoni fir-drittijiet tat-terz, jigi eccepit illi ladarba l-esponent qatt ma ġie notifikat b'tali assenjazzjoni jew surroga, huwa ma jistax jitqies responsabbli ghall-ispejjeż ta' din l-istanza;*

*3. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet fil-mertu huma f'kull każ infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan billi l-attur aġixxa minghajr il-kunsens ta' l-esponent, aġixxa kontra l-interessi ta' l-esponent, ħa l-ligi f'idejh, ma ottemperax ruħu mal-proceduri legali necessarji u għamel spejjeż spropożitati, u ghalhekk ma jistax iżomm lill-esponent responsabbli ghal dak li huwa għamel unilateralment, ghall-beneficcju esklussiv tieghu stess, u bi spirtu ta' pika u vendikazzjoni fil-konfront ta' l-esponent.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri*"

Rat ir-Risposta ta' Joseph Caruana ppreżentata fis-27 ta' Frar 2019[1] li permezz tagħha eċċepixxa:-

" 1. *Illi preliminarjament, mhijiex cara l-bażi legali ta' l-azzjoni attrici, u in partikolari jekk l-attur huwiex qed jaġixxi ex contractru, ex delicto, ex quasi-contractu jew ex-quasi-delicto; l-esponent għaldaqstant jirriżerva li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fil-mertu ladaraba tkun cara tali bażi legali;*

2. *Illi minghajr preġudizzju ghas-sueeccepit, jigi eccepit illi sa issa l-interpellazzjonijiet ta' l-attur, li kienu diversi, dejjem kienu jirreferu ghal somom allegatamenmt dovuti lil terzi, u huwa permezz ta' l-avviż promotur biss illi l-esponent ġie notifikat illi l-attur qieghed issa jallega li ħallas tali spejjeż u li qieghed jippretendi rifużjoni tagħhom; ghaldaqstant, apparti li trid issir il-prova tal-ħlas u ta' l-assenjazzjoni jew tas-surrogazzjoni fid-drittijiet tat-terz, jigi eccepit illi ladarba l-esponent qatt ma ġie notifikat b'tali assenjazzjoni jew surroga, huwa ma jistax jitqies responsabbli għall-ispejjeż ta' din l-istanza;*

3. *Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet fil-mertu huma f'kull każ infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan billi l-attur aġixxa mingħajr il-kunsens ta' l-esponent, aġixxa kontra l-interessi ta' l-esponent, ħa l-ligi f'idejh, ma ottemperax ruħu mal-proceduri legali necessarji u għamel spejjeż spropozitati, u għalhekk ma jistax iżomm lill-esponent responsabbli ghal dak li huwa għamel unilateralment, għall-beneficcju esklussiv tiegħu stess, u bi spirtu ta' pika u vendikazzjoni fil-konfront ta' l-esponenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

---

[1] Paġna 139A tal-atti tal-kawża.

Semgħet lill-abbli avukat tal-attur tiddikjara fis-seduta tad-9 ta' April 2019 b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Francis Caruana, illi l-azzjoni attriċi hija waħda *ex quasi contractu*, filwaqt illi b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Joseph Caruana, l-azzjoni hija waħda *ex contractu*.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Mejju 2020 fejn laqgħet it-talba tal-konvenut Joseph Caruana fir-rikors tiegħu tad-29 ta' Jannar 2020 u ordnat illi l-kawża Rikors Numru 16/2020 fl-ismijiet **Joseph Caruana v. Vincent Caruana et** pendenti quddiem il-Qorti diversament preseduta, tinġieb quddiemha sabiex tiġi mismugħa flimkien mal-kawża odjerna;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fit-13 ta' Jannar 2023;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukat tal-konvenuti fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tislet is-segwenti fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi:-

Din hija azzjoni għar-rifużjoni ta' somma flus li tħallset mill-attur Vincent Caruana in linea ta' spejjeż għall-ġarr u l-magazzinaġġ ta' ossia diversi effetti mobbli li ġew

assenjati lil ħutu l-konvenuti bħala sehemhom mill-beni mobbli formanti parti mill-wirt ta' omm u missier il-partijiet.

Dawn il-mobbli kienu jifformaw parti mill-wirt li ntalab il-qsim tiegħu fil-kawża Rikors Numru 306/2003 pendenti bejn l-aħwa l-istess partijeit kontendenti fil-kawża odjerna, fl-ismijiet **Vincent Caruana et v. Frank Caruana**. Din il-kawża ġiet deċiża permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 2007.

Bejn il-partijiet kien hemm ukoll kawża oħra (Rikors Numru 974/2003) fl-ismijiet **Frank Caruana et v. Vincent Caruana et** fejn essenzjalment ġie mitlub li Vincent Caruana u martu jiġu kkundannati jħallsu lil Joseph Caruana u Francis Caruana il-leġittima mill-wirt ta' missier il-partijiet, Emmanuele Caruana. Din il-kawża wkoll ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 2007.

Fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2007, mogħtija fil-kawża Rikors Numru 306/2003, ġie *inter alia* deċiż li:-

"*il-beni mobbli għandhom jinqasmu fi tliet ishma indaqs u jiġi assenjat sehem lil 'kull wieħed mill-atturi u lill-konvenut Vincent Caruana'*[2]*, b'dan illi, jekk il-partijiet ma jaqblux dwar kif għandu jsir il-qsim sa tliet xhur mil-lum, taħtar lill-AIC Godwin Abela sabiex jagħmel pjan tal-qasma fi tliet ishma indaqs (b'ekwiparazzjoni fi flus jekk meħtieġ) u l-ishma jiġu assenjati bix-xorti.*"

Dawn il-beni mobbli, ossia għamara, kienu jinsabu dak iż-żmien fl-appartament ġewwa Blokk 1, Flat 6, Scheme 3, Paola Hill, Raħal Ġdid li kien ġie mħolli b'legat fil-wirt ta' missier il-partijiet, Emmanuele Caruana, lil Vincent Caruana u lil martu Rita Caruana.

---

[2] Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Mejju 2009, il-Qorti awtorizzat li ssir korrezzjoni biex din il-parti tinqara: "*lil kull wieħed mill-konvenuti u lill-attur Vincent Caruana*".

L-aħwa baqgħu ma qablux bejniethom dwar kif kellu jsir il-qsim tal-beni mobbli. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2008 fl-atti tal-kawza Rikors Numru 306/2003, ċioe' wara s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 2007, **Vincent Caruana u martu kienu talbu fost talbiet oħrajn, illi l-Qorti tippreffiġġi terminu li fih il-konvenuti Joseph Caruana u Frank Caruana għandhom jiġbru mingħandhom il-mobbli li jkun għażlu u fin-nuqqas, jiġi deċiż li jkollhom il-jedd għall-ħlas ta'** ***storage fees*** **minn dik id-data, u okkorrendo b'dak il-prezz, li jiġu stabbiliti mill-Qorti**.

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2008 wara li dawn l-imsemmija talbiet ta' Vincent Caruana u martu kienu ġew opposti minn ħutu b'risposta ppreżentata fit-12 ta' Frar 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, **mingħajr ma laqgħet it-talbiet fir-rikors tat-22 ta' Jannar 2008**, ipprovdiet hekk:-

"*Billi ma sarx ftehim dwar il-qsim tal-beni mobbli fiż-żmien mogħti fis-sentenza, tordna illi qsim isir kif ordnat fis-sentenza.*"

Permezz ta' ittra legali spedita mill-Avukat Ruth Scott għan-nom ta' Vincent Caruana (Dok. VC9), Frank Caruana u Joseph Caruana ġew interpellati sabiex sal-aħħar ta' Marzu 2009 "*tersqu biex tagħżlu u tiġbru l-mobbli eżistenti fil-fond Block 1, Scheme 3, Paola Hill, Paola*" u fin-nuqqas kien ser isir rikors biex il-mobbli jiġu diviżi mill-Perit maħtur mill-Qorti skont kif ordnat fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2007.

Fit-28 ta' Mejju 2009 l-avukat tal-konvenuti Francis u Joseph Caruana kien kiteb lill-avukat tal-atturi Vincent Caruana u Rita Caruana, b'indikazzjoni tal-għażla tagħhom tal-mobbli li riedu li jiġu assenjati lilhom[3], iżda sadanittant, Vincent Caruana u martu kienu diġa' ppreżentaw fis-16 ta' April 2009, rikors fl-atti tar-Rikors Numru 306/2003 b'diversi talbiet, fosthom li Francis Caruana u Joseph Caruana jiġu ordnati jiġbru mill-fond Blokk 1, Flat 6, Scheme 3, Paola Hill, Raħal Ġdid l-mobbli assenjati lilhom bix-

[3] Dok. FC-C, paġna 195 tal-atti tal-kawża.

xorti skont il-pjan tal-qasma mħejjija mill-Perit Godwin Abela, u fin-nuqqas, Vincent Caruana jkun awtorizzat jiddisponi mill-istess mobbli a spejjeż tagħhom.

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti fit-28 ta' Mejju 2009 fuq rikors tal-atturi tas-16 ta' April 2009, ġiet milqugħa *inter alia*, it-tielet talba liema talba kif rajna kienet sabiex "***Francis Caruana u Joseph Caruana jiġu ordnati jiġbru mill-fond Blokk 1, Flat 6, Scheme 3, Paola Hill, Raħal Ġdid l-mobbli assenjati lilhom bix-xorti skont il-pjan tal-qasma mħejjija mill-Perit Godwin Abela, u fin-nuqqas, Vincent Caruana jkun awtorizzat jiddisponi mill-istess mobbli a spejjeż tagħhom***."

Din il-Qorti tinnota illi għalkemm ġie mitlub speċifikatament fit-tielet talba tar-rikors tas-16 ta' April 2009 li jiġi prefiss żmien li fih dawn il-mobbli kellhom jinġabru minn Francis Caruana u Joseph Caruana, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha fuq imsemmi, naqset milli tipprefiġġi terminu kif mitlub.

Il-qsim tal-mobbli skont il-pjan ta' qasma mħejjija mill-Perit Godwin Abela, sar fit-23 ta' Novembru 2009 fejn il-Porzjoni bl-ittra A1 messet lil Frank Caruana, il-Porzjoni bl-ittra A2 messet lil Joseph Caruana u l-Porzjoni bl-ittra A3 messet lil Vincent Caruana (Dok. VC12).

Permezz ta' żewġ ittri li ntbagħtu mill-Perit Godwin Abela fil-11 ta' Diċembru 2009, waħda lil Frank Caruana[4] u l-oħra lil Joseph Caruana[5], huma ġew avżati li l-oġġetti li missew lilhom rispettivament "*għandhom jinġabru sal-21 ta' Diċembru 2009; fin-nuqqas dawn l-oġġetti jiġu disposti definittivament minn terzi*".

L-attur Vincent Caruana baqa' jinsisti tramite l-avukat tiegħu, f'korrispondenza li ntbagħtet lill-avukat tal-konvenuti dak iż-żmien, Dr. Gianfranco Gauci (*email* 1 ta'

[4] Dok. FC-H, paġna 200 tal-atti tal-kawża.
[5] Dok. JC4, paġna 97 tal-atti tal-kawża.

Marzu 2010)[6], li l-għamara li ġiet assenjata lil ħutu fil-qasma għandha titneħħa mill-appartament tiegħu minnufih.

Mhux kontestat iżda, illi l-konvenuti baqgħu ma ġabrux il-porzjoni tal-għamara li ġiet assenjata lilhom mill-appartament ta' Vincent Caruana u martu ġewwa Raħal Ġdid.

Fl-1 ta' Marzu 2010, Jonathan Farrugia ta' William Transport & Removal Services, fuq inkarigu tal-attur, ġarr l-għamara tal-konvenuti minn ġol-appartament tal-attur u stivaha f'garaxx ta' terza persuna, Frank Paul Sammut bil-prezz ta' €3 kuljum. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ġarr, inħarġet fattura mid-ditta William Transport & Removal Services għall-prezz ta' €100[7].

Mhux kontestat illi l-konvenuti ma kienux konsultati jew involuti fil-ftehim dwar l-inkarigu li ngħata lil Jonathan Farrugia.

Fid-29 ta' Marzu 2010, Dr. Ruth Scott bagħet *email* lil Dr. Gianfranco Gauci fejn avżatu biex jgħarraf lil Joseph Caruana sabiex "*ġimgħa qabel ikun sejjer jiġbor l-għamara in kwistjoni, javżah bil-jum u l-ħin biex b'hekk ikun f'pożizzjoni li jiftaħlu l-imsemmi garaxx*". Dan l-*email* huwa intestat: "***Ġbir ta' Għamara minn Garaxx mingħajr numru, Triq il-Minfaħ, c/w Triq il-Forga, Naxxar.***"

Ma ntbagħtet ebda risposta għal dan l-*email*.

Fis-27 ta' April 2010, Dr. Ruth Scott għan-nom tal-attur bagħtet ittra lil Dr. Gianfranco Gauci ġewwa 48, Triq l-Ifran, Valletta, fejn għarrfitu[8]:

*"Fl-iqsar żmien possibbli ġentilment nitolbok tgħarrafni bid-data meta l-klienti tiegħek, is-Sinjur Joseph u Frank Caruana, ser jiġbru l-għamara lilhom assenjata*

[6] Ara Dok. JC7: ittra bil-firma oriġinali ta' Dr. Ruth Scott.
[7] Paġna 47 tal-atti tal-kawża.
[8] Dok. JC8. Hemm ukoll Dok. VC16 li hija vera kopja ta' ittra li ntbagħtet lil Dr Gianfranco Gauci bl-istess kontenut identiku, liema kopja madanakollu hija datata 23 ta' April 2010 u mhux 27 ta' April 2010.

*għax jekk dawn ser jibqgħu inadempjenti, il-klienti tiegħi ma jkollhom ebda alternattiva ħlief li jiddisponu minnha skond l-ordni diġa' maħruġ mill-Qorti.*

*Għal kull buon fini ngħarrfek illi l-klienti tiegħi, barra li ħallsu l-ammont ta' mitt Ewro (€100) fl-1 ta' Marzu 2010 għall-ġarr tal-għamara in kwistjoni minn fejn kienet għall-istore, qed iħallsu kera bir-rata ta' €3 kuljum għall-istess store.*"

F'din l-ittra ma ġiex speċifikat il-post fejn il-mobbli kienu qed jiġu stivati.

Ma jirriżultax li din l-ittra ġiet imwieġba.

In segwitu għal dan, matul perijodu ta' 'l fuq minn erba' snin, ma jirrizultax li sar xi tentattiv ta' komunikazzjoni da parti tal-attur jew l-avukat tiegħu, ma' Frank Caruana u jew Joseph Caruana fir-rigward tal-mobbli assenjati lilhom, u dawn baqgħu jiġu stivati fil-post ta' Frank Paul Sammut.

Imbagħad fit-22 ta' Awwissu 2014, Dr. Ruth Scott bagħtet ittra lil Vincent Caruana, Frank Caruana u Joseph Caruana fejn infurmathom:

"*Skont l-aħħar korrispondenza jidher li kien fadal pendenti **l-għamara li kellha tinġabar mill-konvenuti, il-ħlas ta' €100 għall-ġarr tal-għamara għall-istorage attwali, il-ħlas tal-istore bir-rata ta' €3 kuljum b'effett mill-1 ta' Marzu 2020** u d-diviżjoni tal-akkonti bankarji. Għalhekk intom mitluba sabiex tavviċinawni sas-7 ta' Settembru 2014 biex dawn il-vertenzi jiġu finalment konklużi.*" (emfasi tal-Qorti)

In segwitu għal din l-ittra, fit-3 ta' Settembru 2014, il-konvenut Joseph Caruana mar flimkien mal-attur Vincent Caruana fl-uffiċċju tal-Avukat tal-istess attur, Dr. Ruth Scott, fejn iffirma ftehim redatt mill-istess Avukat dak il-ħin, li permezz tiegħu aċċetta *inter alia* li jħallas is-somma ta' €2,522 dovut lil William Transport & Removal Services bħala sehmu mit-trasport u magazzinaġġ tal-għamara u li jiġbor l-għamara assenjata lilu mill-garaxx fejn kien qed jiġi stivat.

In segwitu, il-konvenuti Joseph Caruana u Frank Caruana marru fl-uffiċċju fejn kien ipoġġi l-avukat tagħhom, Dr. Gianfranco Gauci, ġewwa Triq l-Ifran, Valletta, fejn jidher li sabu lil Dr. Mark Attard Montalto. Għan-nom tagħhom, fl-10 ta' Settembru 2014, Dr. Mark Attard Montalto kiteb lil Dr. Ruth Scott għan-nom ta' Vincent Caruana u għarrafha: "*my clients were not aware of these items being submitted in storage...*"

Il-konvenuti għamlu kuntatt ma' Jonathan Farrugia u insistew li jaraw fejn kienu qed jinżammu l-mobbli in kwistjoni. Eventwalment, il-partijiet kollha marru fil-maħżen fejn kienet qed tiġi stivata l-għamara tal-konvenuti u l-konvenuti ġibdu ritratti tal-istess għamara.

Fis-26 ta' Settembru 2014, Joseph Caruana għarraf lill-attur permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 3012/2014 li m'huwiex interessat fl-għamara u l-effetti assenjati lilu u li jinsabu fil-pussess tal-attur u li jista' jiddisponi minn sehmu liberament. Għarrfu wkoll li kien qed iqis l-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2014 bħala nulla u invalida għaliex iffirmaha taħt l-effett ta' żball dwar il-liġi. (Dok. VC21).

Fis-26 ta' Settembru 2014, Francis Caruana għarraf lill-attur permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 3011/2014 li mhuwiex interessat fl-għamara u l-effetti assenjati lilu u li jinsabu fil-pussess tal-attur u li jista' jiddisponi minn sehmu liberament. Għarrfu wkoll illi kien sar jaf biss reċentement illi l-mobbli kienu qed jinżammu għand ditta tat-trasport u magazzinaġġ u li kien qed jiġi mistenni jħallas l-ispejjeż tat-trasport u magazzinaġġ u qatt ma ġe notifikat li ser isiru dawn l-ispejjeż. Ċaħad kull responsabbilita' għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż. (Dok. VC22).

Permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru 2014, Vincent Caruana wieġeb għall-ittri uffiċjali rispettivi ta' ħutu fejn għarrafhom li huwa kien qiegħed preżenzjalment jinforma lid-ditta tal-magazzinaġġ li qed iżomm il-mobbli biex jiddisponu minnhom skont l-istruzzjonijiet tal-istess ħutu stante illi huma kienu awtorizzawh bl-istess ittri

uffiċjali biex jiddisponi mill-għamara tagħhom. Għarrafhom ukoll illi madankollu, kien qiegħed f'kull każ iżommhom responsabbli għall-ispejjeż tal-ġarr u magazzinaġġ (Dok. VC23).

Permezz ta' ittra uffiċjali li ġiet spedita fil-15 ta' Settembru 2016 bin-numru 3041/2016, Joseph Caruana interpella lill-attur Vincent Caruana biex jersaq għar-rexxissjoni tal-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2014 (Dok. 24). Din l-istess interpellazzjoni ġiet ribadita permezz ta' ittra uffiċjali li ntbagħtet fil-11 ta' Settembru 2018 (Dok. VC31).

Permezz ta' ittra uffiċjali li kopja informali tagħha tinsab esebita fl-atti bħala Dok. VC25 (mhux datata) Vincent Caruana interpella lil Francis Caruana u lil Joseph Caruana għall-ħlas tal-ispejjeż dovuti lil William Transport and Removal Services għas-servizz ta' storage tal-għamara tagħhom.

Permezz ta' ittra uffiċjali datata 1 ta' Ottubru 2018 (Dok. VC33), Jonathan Farrugia għan-nom tad-ditta William Transport and Removal Services u Frank Paul Sammut, interpellaw lil Vincent Caruana għall-ħlas tal-ammont ta' €5,044 rappreżentanti ħlas ta' ġarr ta' għamara mill-fond bl-indirizz Flat 6, Block 1, Scheme 3, Paola Hill, Paola, u magazzinaġġ tal-istess bejn l-1 ta' Marzu 2010 u 3 ta' Settembru 2014.

Fis-16 ta' Ottubru 2018 Vincent Caruana ħallas l-ammont reklamat għall-ġarr u magazzinaġġ tal-għamara[9], filwaqt li fil-5 ta' Diċembru 2017 huwa bagħat ittra uffiċjali bin-numru 2606/2018 lil ħutu b'interpellazzjoni għar-rifużjoni ta' l-ammont ta' €5,044 li huwa ħallas għall-ġar u magazzinaġġ tal-għamara tagħhom bejn l-1 ta' Marzu 2010 u 3 ta' Settembru 2014 (Dok. VC35).

Stabbiliti dawn il-fatti, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

---

[9] Vide ftehim Dok. VC34, u cheque u riċevuta Dok. JV3, paġna 247 tal-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tibda biex tittratta t-tieni eċċezzjoni fir-Risposti rispettivi tal-konvenuti u dan wara li l-ewwel eċċezzjoni sollevata minnhom ġiet sorvolata bid-dikjarazzjoni li għamlet l-abbli avukat tal-attur fis-seduta tad-9 ta' April 2019 dwar il-bażi tal-azzjoni attriċi fil-konfront ta' kull wieħed mill-konvenuti.

Fit-tieni eċċezzjoni, il-konvenuti saħqu li l-attur jeħtieġlu jġib prova tas-surroga fid-drittijiet tat-terzi persuni li qiegħed jallega li ħallas lilhom is-somma li tagħha qed jitlob ir-rifużjoni.

Il-Qorti rat il-provi. Jirriżulta mingħajr ekwivoċi illi l-ftehim għall-ħlas tal-ispejjeż tal-ġarr u l-ħażna tal-għamara tal-konvenut, sar bejn Jonathan Farrugia (bl-intervent ta' Frank Paul Sammut) u Vincent Caruana biss, minkejja li dan kien jikkonċerna esklussivament proprjeta' tal-konvenuti. Il-Qorti ma riskontrat ebda prova li Joseph Caruana u jew Francis Caruana kien jafu bil-ftehim jew kienu parti minnu jew ratifikawh. Kemm hu hekk, Jonathan Farrugia li xehed illi huwa kien ftiehem biss ma' Vincent Caruana u ma ħadd iktar dwar il-ġarr u magazzinaġġ tal-għamara, u l-ftehim kien li l-ispejjeż dovuti jitħallsu minn Vincent Caruana.

Il-Qorti ma taqbilx li f'dan il-kwadru ta' fatti jsibu riskontru l-prinċipji tal-ħlas b'surroga kif ġie eċċepit mill-konvenut Francis Caruana fir-Risposta tiegħu. Dan qed jingħad għaliex evidentement, id-debitur tal-ispejjeż reklamati mill-kreditur William Transport ma kien ħadd ħlief Vincent Caruana nnifsu, spejjeż li kienu dovuti minnu stess lill-kreditur wara li kien innegozja u ftiehem waħdu u f'ismu proprju u ad esklużjoni ta' ħutu, dwar il-ġarr u l-magazzinaġġ tal-għamara tagħhom. Dan ifisser illi meta Vincent Caruana ħallas id-dejn dovut lil William Transport, il-kreditur, ma kienx qed iħallas dejn ta' ħaddieħor u konsegwentement, l-azzjoni minnu intentata ma tistax titqies li hija msejsa fuq l-istitut tas-surroga jew li qiegħed jaġixxi b'xi jedd provenjenti minn surroga.

Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija infondata u qed tiġi respinta, anke safejn tikkonċerna l-prova dwar assenjazzjoni ta' drittijiet u obbligi, għaliex imkien ma jirriżulta li l-attur qed jaġixxi f'din il-kawża għall-eżekuzzjoni ta' jeddijiet akkwistati b'assenjazzjoni minn terzi[10].

Ikkunsidrat;

Illi l-abbli avukat tal-attur fis-seduta tad-9 ta' April 2019 iddikjarat, għall-fini tal-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenut Francis Caruana, illi l-azzjoni attriċi in kwantu diretta fil-konfront tal-konvenut Joseph Caruana hija azzjoni *ex contractu,* filwaqt illi fil-konfront tal-konvenut Francis Caruana, hija bbażata fuq obbligazzjoni *ex-quasi contractu*.

Din il-Qorti diġa' deċidiet, permezz ta' sentenza wkoll mogħtija llum stess fil-kawza Rikors Numru 16/2020 fl-ismijiet **Joseph Caruana v. Vincent Caruana et**, illi l-iskrittura privata konkluża fit-3 ta' Settembru 2014 bejn Vincent Caruana u martu fuq in-naħa l-waħda, u Joseph Caruana fuq in-naħa l-oħra, ma tiswix minħabba li l-kunsens ta' Joseph Caruana fuq dik l-iskrittura ingħata b'effett ta' żball.

Dan ifisser illi l-azzjoni attriċi odjerna, kif indirizzata fil-konfront tal-konvenut Joseph Caruana, ma tistax tibqa' msejsa fuq obbligazzjoni mnissla *ex contractu*. Madanakollu, kif inhuwa risaput, din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha, anke jekk it-talba mfissra fir-Rikors promotur ma tiġix ippruvata, hija tista' tiddeċiedi fuq jedd ieħor li jiġi ppruvat għalkemm dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali kif imfisser fl-att promotur tal-azzjoni[11].

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tistħarreġ jekk l-attur irnexxilu jipprova in kwantu għaż-żewġ konvenuti, l-eżistenza ta' obbligazzjoni għar-rifużjoni tas-somma pretiża minnu, imnissla *ex quasi contractu*.

[10] Ara wkoll ftehim Dok. VC34, paġna 68 tal-atti tal-kawża: ma jirriżultax li b'dan il-ftehim ġew assenjati xi drittijiet lil Vincent Caruana.
[11] Artikolu 213 tal-Kap. 12.

Biex jiġi mistħarreġ is-siwi tal-azzjoni bbażata fuq obbligazzjonijiet *ex-quasi contractu* il-Qorti trid qabel xejn tindaga x'inhuma s-sitwazzjonijiet ġuridiċi li jnisslu obbligazzjonjiet bħal dawn. Il-kważi-kuntratt huwa fatt leċitu u volontarju, li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin[12] u l-obbligazzjonijiet ex-kważi kuntrattwali li l-liġi tagħna tipprospetta espressament huma dawk provenjenti mill-azzjonijiet tan-*negotiorum gestor*, l-*indebiti solutio* u l-arrikkiment għad-dannu ta' ħaddieħor.

Għalkemm din il-kwistjoni baqgħet ma ġietx indirizzata fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata għan-nom tal-attur u ma ġiex imfisser il-bażi tal-jedd għall-ħlas mitlub mill-attur, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, qegħda minnufih teskludi li l-azzjoni attriċi hi msejsa fuq dejn imħallas mill-attur bi żball (*indebiti solutio*).

Waqt it-trattazzjoni finali, l-abbli avukat tal-konvenut Francis Caruana issottometta illi l-azzjoni attriċi in kwantu msejsa fuq l-istitut tal-kważi kuntratti ma tistax tirnexxi għaliex ir-rekwiżiti għas-suċċess tal-azzjoni *de in rem verso* u l-actio *negotiorum gestor*, ma humiex kollha riskonstrabbli fil-fatti u l-provi dwar dan il-każ.

In tema tal-azzjoni *de in rem verso,* l-Artikolu 1028 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

*(1) Min, minghajr kawza gusta, jarrikkixxi ruhu ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti ta' l-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet sofriet dik il-persuna.*

Minn dan il-provvediment jirriżulta li l-elementi ta' din l-azzjoni huma:- (i) l-arrikkiment ingustifikat, (ii) id-dannu, (iii) ir-rabta bejn id-dannu u l-arrikkiment, (iv) in-nuqqas ta' gusta kawza, u (v) il-mankanza ta' xi azzjoni ohra stabbilita mil-ligi.

[12] Art. 1012, Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra l-element tal-arrikkiment inġustifikat u d-dannu soffert mill-attur, u minnufih tgħid illi ma taqbilx li l-attur irenxxielu jissodisfa dawn l-elementi.

Tibda biex tosserva illi m'hijiex sodisfatta illi l-ħlas mill-attur tal-ispejjeż dovuti għall-magażinaġġ tal-għamara tal-konvenuti jiswa bħala prova tal-element tad-dannu. Il-prova li dawn l-elementi huma sodisfatti tispetta lill-attur u lil ħadd iktar ġaladarba kien hu li ressaq l-azzjoni u ddikjara li din hija waħda *ex contractu vel quasi*. Jinkombi għalhekk fuq l-attur l-oneru li jressaq prova sodisfaċjenti tal-arrikkiment mingħajr kawża ġusta u tad-dannu korrispondenti.

Kif diġa' ngħad, din il-materja ma ġietx trattata fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur iżda wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, il-Qorti ma tistax taqbel li l-konvenuti għamlu xi arrikkiment, wisq inqas arrikkiment inġust għad-detriment tal-attur. Il-Qorti fehmet illi l-konvenuti ma kienux interessati jieħdu l-pussess tal-għamara li messet lilhom għaliex baqgħu qatt ma ġabru din l-għamara mingħand l-attur la wara li ttellgħu il-poloz fit-23 ta' Novembru 2009 u lanqas entro t-terminu mogħti fl-ittra mibgħuta lilhom mill-Perit Godwin Abela fil-11 ta' Diċembru 2009.

Kif diġa' stabbilit, l-attur iddeċieda, unilateralment, li jidħol fi ftehim ma' terzi għall-magazzinaġġ tal-għamara tal-konvenuti bil-prezz ta' €3 kuljum. Jirriżulta li dan għamlu mhux biss mingħajr il-kunsens tal-konvenut iżda tabilħaqq mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u fuq kollox, mingħajr ma assigura li l-konvenuti kien ġew mgħarrfa personalment u tempestivament bil-fatt tal-magazzinaġġ u bl-ispejjeż relattivi li skattaw.

Illi fil-fehma tal-Qorti, huwa ftit spjegabbli kif l-attur iddeċieda li jassumi r-responsabbilita' għat-trasport u magazzinaġġ tal-għamara assenjata lill-konvenuti tant li daħal personalment u f'ismu, fi ftehim ma' terzi għall-ħlas tal-prezz ġornalier tal-magazzinaġġ, meta mhux biss ma kien taħt ebda obbligu iżda ma kienx tabilħaqq awtorizzat li jagħmel dan. **Jekk l-attur kien awtorizzat jieħu xi azzjoni fir-rigward**

**tal-mobbli assenjati lil ħutu, dan kien li jiddisponi minn dawn il-mobbli, kif awtorizzat bid-digriet tat-28 ta' Mejju 2009 u mhux li jiddepożitahom fil-pussess ta' terzi persuni u jorbot lil ħutu b'obbligazzjoni ta' indennizz tal-ħlas ta' kera ġornaliera għall-ħażna tal-mobbli tagħhom**[13].

Huwa wkoll ferm inqas spjegabbli mbagħad kif b'żieda ma' dan, l-attur naqas milli jassigura li l-konvenuti jiġu personalment mgħarrfa bil-fatt tal-magazzinaġġ u l-ispejjeż relattivi u minflok, serraħ biss fuq *email* u ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu mhux direttament lil ħutu personalment, iżda lill-avukat li kien deher għalihom fil-kwistjoni sa ftit xhur qabel. Korrispondenza li mhux kontestat illi qatt ma ġiet imwieġba bl-ebda mod.

Fil-fatt, Vincent Caruana in kontro-eżami xehed[14] illi "*sa fejn jaf hu*" kienet l-avukat tiegħu Dr. Ruth Scott li avżat lil ħutu l-oħra li l-għamara kienet qed tiġi stivata a spejjeż tagħhom u huwa kien ħalla f'idejn l-istess avukat biex tgħarrafhom b'dawn l-ispejjeż. Stqarr li dak iż-żmien huwa ma kienx qed ikellem lil ħutu u stqarr ukoll illi għalkemm maż-żmien reġa' beda jitkellem u jiltaqa' ma' ħuh Joseph Caruana, xorta waħda **ma kienx għarrfu li l-għamara kienet qed tiġi stivata għand kumpannija privata bil-prezz ta' €3 kuljum**.

Jirriżulta illi l-ewwel korrispondenza li ntbagħtet għan-nom tal-attur direttament lill-konvenuti personalment in konnessjoni mal-ġarr u magazzinaġġ tal-mobbli u l-ispejjeż relattivi, kien fit-22 ta' Awwissu 2014 (Dok. VC17) - meta l-mobbli kienu ilhom jinżammu fil-garaxx ta' Frank Paul Sammut kważi erba' snin u nofs. Kif diġa' ngħad, il-korrispondenza preċedenti dwar il-materja tal-magazzinaġġ, li ntbagħtet erba' snin qabel, ġiet spedita biss lill-avukat tal-konvenuti[15] u mhux ukoll lill-istess konvenuti.

---

[13] Hawnhekk jiġi osservat li għalkemm huwa minnu li l-attur kien awtorizzat jiddisponi mill-mobbli, il-Qorti fid-digriet tat-28 ta' Mejju 2009 ma kienetx iffissat iż-żmien li għalih kien obbligat iżomm il-mobbli qabel jgħaddi biex jiddisponi minnhom.
[14] Xhieda tad-19 ta' Mejju 2021.
[15] Dok. VC13, email tad-29 ta' Marzu 2010 u Dok. VC16, ittra ta' April 2010 – paġni 48 u 49 tal-atti tal-kawża.

Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, l-attur ma jistax jitqies li sofra xi dannu għaliex kien kostrett iħallas spejjeż li daħal għalihom unilateralment mingħajr ma kien awtorizzat jagħmel dan u mingħajr ma ħa ħsieb jgħarraf lil ħutu b'dan l-obbligu. Il-korollarju ta' dan, mill-perspettiva tal-konvenuti, hu li ma siltu ebda benefiċċju kwalsiasi mill-ħlas da parti tal-attur tal-ispejjeż tal-ħażna tal-għamara, li jfisser ukoll li ma setgħu għamlu ebda arrikkiment inġust a skapitu tal-attur. B'żieda ma' dan, il-Qorti fehmet illi l-għamara li l-attur unilateralment iddeċieda li jiddepożitaha għand terzi bi ħlas, ma kellha ebda valur tant l-attur stess xehed illi l-valur ta' kull sehem kien ta' Lm230.83 (€537.70) u fil-fatt il-konvenuti qatt ma wrew interess li jieħdu pussess tagħha. Għalhekk, kif ingħad qabel, l-element tal-arrikkiment da parti tal-konvenuti huwa kompletament nieqes.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti issa trid tgħaddi biex tikkunsidra jekk fil-fattispeċje tal-każ, huwiex ravviżabbli obbligu kważi-kuntrattwali imnissel mill-azzjonijiet ta' *negotiorum gestor*. L-Artikolu 1015 tal-Kodiċi Ċivili jispeċifika li l-persuna li tindaħal għandha tuża fit-triġija ta' dik l-affari l-ħsieb kollu ta' missier tajjeb tal-familja.

L-abbli avukat tal-konvenuti sottometta fit-trattazzjoni li l-provi juri li l-attur ma mexiex in *buona fede* meta ddepożita l-mobbli ta' ħutu f'magazzinaġġ bi spejjeż u għalhekk, ma jistax jitqies li qeda d-dmirijiet ta' *negotiorum gestor* biex ikun intitolat għall-indennizz tal-ispejjeż li allegatament nefaq fil-ġestjoni tal-affarijiet ta' ħutu.

Kif diġa' stabbilit, l-attur Vincent Caruana kien awtorizzat jiddisponi mill-mobbli ta' ħutu iżda ma kienx awtorizzat jiddepożitahom għand terzi taħt titolu oneruż. Il-Qorti wara li qieset il-provi kollha ma tistax taqbel li l-attur mexa bħala *bonus pater familias* u bid-diliġenza u prudenza mistennija minn xi ħadd li ndaħal minn rajh għall-affarijiet ta' ħaddieħor. Hu evidenti li l-attur ma setax kien qed jaġixxi fl-interess tal-istess ħutu, meta bil-ħsieb li jiġi indennizzat mingħandhom, iddepożitalhom ħwejjiġhom fil-

pussess ta' terzi indefinittivament, bi ħlas ta' prezz ġornalier[16] mingħajr la fittex l-awtorizzazzjoni speċifika tal-Qorti u lanqas ħa ħsieb jinnotifika lill-istess ħutu bl-azzjonijiet tiegħu u bl-ispejjeż li kienu qed jiġu inkorsi fit-tmexxija tal-affarijiet tagħhom, anke biex setgħu jiddeċiedu jekk kellhomx jieħdu ħsiebhom huma stess jew jiddisponu minnhom.

Għall-Qorti hu ovvju li l-attur kien jaf li kien jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Qorti biex jikkonsenja l-għamara ta' ħutu taħt il-kustodja ta' terzi persuni taħt titolu oneruż: wara kollox kien hu stess li intavola ir-rikors b'talba sewwasew għall-awtorizzazzjoni li jiddepożita l-mobbli f'magazzinaġġ, liema talba ma kienetx ġiet milqugħa. Il-fatt waħdu li l-attur deherlu li kellu jitlob għall-permess tal-Qorti biex jikkonsenja dawn il-mobbli f'magazzinaġġ minflok jiddisponi minnhom, ifisser li huwa kien ben konsapevoli tal-fatt li ma kienx awtorizzat jipproċedi kif fil-fatt għamel.

Hija l-fehma assodata tal-Qorti li l-attur qatt ma ġie awtorizzat jieħu ebda miżura li tinvolvi ħlas ta' spejjeż fir-rigward tal-mobbli spettanti lil ħutu mill-wirt ta' ommhom, għajr li "*jiddisponi*" minnhom a spejjeż tal-istess ħutu[17] jekk dawn jibqgħu ma jinġabrux mill-fond fejn kienu jinsabu ġewwa Raħal Ġdid. għall-Qorti it-tifsira ordinarja tal-kelma "*jiddisponi*" ("*to dispose of*") fil-qafas tal-materja taħt konsiderazzjoni ma tistax tiġġebbed biex raġjonevolment tinkludi d-depożitu tal-mobbli f'post ta' kustodja bi ħlas ta' kera ġornaliera bi ħlas ta' kera ġornaliera. Il-fatt li l-Qorti laqgħet it-tielet talba fir-rikors tiegħu tas-16 ta' April 2009, ma jfissirx li l-attur kien awtorizzat li jieħu a spejjeż ta' ħutu miżuri jmorru lil hinn mis-sempliċi tneħħija, ġarr u rimi tal-mobbli. Wisq inqas kien awtorizzat l-attur li jieħu miżuri addizzjonali li jnisslu obbligu konsistenti fil-ħlas ta' ta' prezz ġornalier u kwindi mhux kwantifikabbli *a priori*, bħalma huma spejjeż ta' kera għal magazzinaġġ indefinittiv tal-mobbli, ġaladarba ma kienx kiseb awtorizzazzjoni *ad hoc* mill-istess Qorti li pprovidiet dwar il-qsim u l-ġbir tal-istess mobbli.

---

[16] Ara paġna 181 tal-atti tal-kawża.
[17] Digriet tat-28 ta' Mejju 2009.

Meta mbagħad jiġi meqjus ukoll illi, **lil hinn mill-fatt li l-attur ma mexiex skont l-ordni tal-Qorti**, huwa naqas manifestament ukoll milli jassigura permezz ta' miżuri idonei u siewja li ħutu jkunu avżati kif imiss bl-obbligu li assuma bi spejjeż tagħhom, ċaħħadhom mill-opportunita' u l-jedd li jaġixxu tempestivament biex jieħdu ħsieb il-pożizzjoni tagħhom, il-Qorti ma tista' taqbel qatt li l-attur mexa in buona fede.

Il-Qorti, b'żieda mal-kunsiderazzjoni diġa' magħmulin qabel fir-rigward tas-siwi tan-notifika tal-konvenuti dwar l-ispejjeż tal-magazzinaġġ, tqis ma jitnissel l-ebda jedd għar-rifużjoni tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ bil-fatt biss li seta' kien avżat bid-depożitu tal-mobbli taħt il-kustodja ta' terzi **l-avukat tal-konvenuti**. Biex jiskaturixxi obbligu bħal dak, kien doveruż fuq l-attur jassigura li ħutu jiġu a konoxxenza b'notifika personali, tal-fatt tad-depożitu ta' ħwejjiġhom ma' terzi u l-ispejjeż relattivi. Il-Qorti hi tal-fehma li peress li f'dan il-każ jeżistu dubji serji jekk il-kontenut tal-korrispondenza mibgħuta lil Dr. Gianfranco Gauci fil-1 ta' Marzu 2010 u fis-27 ta' April 2010 wasalx jew ġiex komunikat lill-konvenuti[18] li kienu, wara kollox, il-pretiżi debituri tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-ispejjeż, id-dubju għandu jmur favur in-nuqqas ta' notifika anke għaliex mill-provi akkwiżiti, il-Qorti hija sodisfatta li l-attur deliberatament ma ħax miżuri idonei għan-notifika tal-konvenuti bil-korrispondenza tas-27 ta' April 2010[19].

Il-Qorti ma riskontrat ebda raġuni valida jew ġustifikazzjoni l-għala l-korrispondenza bit-twissija deċiżjoni li indubbjament kienet intiża biex toħloq obbligu għall-ħlas u li għalhekk kienet sejra f'kull każ tolqot negattivament l-interessi ta' ħutu, ma ntbagħtitx direttament lill-konvenuti, u ma tista' qatt taċċetta li l-korrispondenza mibgħuta lill-avukat tagħhom kellha tiswa bħala notifika lill-konvenuti bil-fatt tal-magazzinaġġ tal-

---

[18] Hawnhekk għandu jiġi senjalat illi Joseph Caruana xehed illi huwa kien ilu ma jikkomunika u jagħmel użu mis-servizzi legali tal-Avukat Dr. Gianfranco Gauci għal madwar ebra' snin, fatt li ġie affermat minn Vincent Caruana nnifsu u riaffermat fl-ittra uffiċjali spedita minnu lil ħutu fit-22 ta' Ottubru 2014 (Dok. VC23).

[19] Għall-Qorti l-fatt li l-konvenuti u n-nisa tagħhom marru jivverifikaw jekk il-mobbli tagħhom kienux qegħdin fil-fatt jinzammu fil-post indikat lilhom u ħadu fuq il-post ritratti tal-għamara stivata, meta kienu qegħdin jintalbu jħallsu iktar minn ħamest elef Euro fi spejjeż ta' magazzinaġġ, żgur ma jfissirx illi huma kienu jafu wisq inqas li kienu approvaw mal-maġazzinaġġ tal-mobbli tagħhom. Il-Qorti tagħti affidabbilita' lill-verżjoni ta' Frank Caruana illi huwa insista li jmur jara l-mobbli fil-post fejn kienu stivati għaliex ried jaċċerta ruħu li l-mobbli li dwarhom kien qed jintalab iħallas spejjeż ta' magazzinaġġ kienu effettivament jinsabu f'magazzinaġġ.

mobbli tagħhom u biex inissel obbligu għall-ħlas tal-ispejjeż[20]. Għandu jiġi senjalat ukoll il-fatt illi minkejja n-nuqqas ta' risposta jew konferma ta' riċevuta ta' din il-korrispondenza, tħallew jgħaddu **erba' snin sħaħ** qabel reġa' sar kuntatt mal-konvenuti dwar din il-vertenza – din id-darba permezz ta' ittra legali li ntbagħtet direttament lill-konvenut nfushom mingħajr involviment tal-avukat tagħhom.

Sinjifikanti wkoll il-fatt illi għalkemm l-attur u ħuh Joseph Caruana kienu rranġaw ir-relazzjoni ta' bejniethom fl-2011 u damu tliet snin u nofs jiltaqgħu u jitkellmu, Vincent Caruana *ex admissis,* qatt ma qal assolutament xejn lil ħuh li l-għamara minflok intremiet kienet tqiegħdet f'magazzinaġġ l-għamara għall-kera ta' €3 kuljum u li kien qed jistenna mingħandu l-ħlas ta' dawn l-ispejjeż. Dan l-istat ta' fatt ikompli jafferma l-attendibbilita' tal-verżjoni tal-konvenuti, konfortata ulterjorment bix-xhieda ta' Joseph Martin Spiteri.

Fil-fatt, ix-xhieda ta' Joseph Martin Spiteri, li kien ħabib komuni tal-aħwa u li xehed bla tlaqliq kemm ħassu frustrat u maħruq meta Vincent Caruana qallu li kien ser iqarraq b'ħutu billi jpoġġi l-għamara li messet lilhom fi *storage* mingħajr ma jgħidilhom xejn biex imbagħad meta jkunu għaddew numru ta' snin, iwaħħalhom "*kont kontun*" tal-ispejjeż tal-istorage, tkompli tirrafferma l-fehma tagħha illi d-deċiżjoni tal-konvenut li l-għamara titpoġġa f'magazzinaġġ minflok ma tintrema skont kif kien awtorizzat isir b'digriet tat-28 ta' Mejju 2009, kienet motivata minn spirtu ta' malafede fi sfond ta' storja twila ta' diżgwid bejn aħwa dwar wirt fejn, sa diversi snin wara ġew deċiżi l-proċeduri intavolati għall-qsim tal-wirt u l-ħlas tal-leġittima[21], dawn il-pendenzi kienu għadhom ma ngħalqux definittivament, u kien għadu dovut il-ħlas mill-attur u martu tal-leġittima dovuta lil ħutu l-konvenuti[22].

Dan kollu magħdud għall-Qorti jfisser li l-attur ma mexiex *in buona fede,* b'onesta' jew b'sens ta' rġulija fil-konfront ta' ħutu meta, minflok iddispona mill-mobbli

---

[20] Fil-fatt, dan il-mezz ta' komunikazzjoni jikkuntrasta manifestament mal-mezz adoperat snin wara, fejn l-avukat tal-attur bdiet tibgħat korrispondenza mhux lill-avukat tal-konvenuti odjerni, iżda direttament lilhom u dan bil-posta reġistrata.

[21] B'żewġ sentenzi li ngħataw fit-12 ta' Ottubru 2007.

[22] Kif ordnat b'sentenza tat-12 ta' Ottubru 2007.

tagħhom kif kien awtorizzat jagħmel, iddepożitahom taħt il-kustodja ta' terzi persuni b'obbligu ta' ħlas mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kif ukoll mingħajr l-approvazzjoni, wisq inqas l-għarfien ta' ħutu. **Billi għalhekk l-attur ma mexiex bħala missier tajjeb tal-familja fit-triġija tal-affarijiet tal-konvenuti meta minn rajh indaħal t-tmexxija tal-affarijiet tagħhom, m'huwiex intitolat għal ebda indennizz għall-ispejjeż li daħal għalihom u ma jistax għalhekk iserraħ l-azzjoni tiegħu b'suċċess fuq l-istitut tan-*negotiorum gestor*.**

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ma tistax tonqos milli tissenjala wkoll illi jekk l-attur qed iqis lil nnifsu bħala d-danneġġjat għaliex bħala debitur ta' Jonathan Farrugia u Frank Paul Sammut[23] ġie kostrett iħallas l-ispejjeż dovuti għall-ġarr u magazzinaġġ tal-mobbli ta' ħutu, f'dak il-każ kellu l-obbligu li jagħmel dak kollu li raġjonevolment kien meħtieġ biex jimminimizza d-danni li minn dejjem kien bi ħsiebu jirreklama minghand ħutu l-konvenuti. Iżda minflok ma ra kif għamel biex jimminizza d-danni għaliex, kif stqarr hu stess, il-ftehim li ntlaħaq bejnu u Jonathan Farrugia kien li l-mobbli jinżammu f'magazzinaġġ **sakemm jiġbor il-ħlas dovut mingħand ħutu**[24], Vincent Caruana baqa' għamel xejn biex jgħarraf lil ħutu bl-azzjonijiet li ħa u jirkupra mingħandhom dawn l-ispejjeż, ħlief wara iktar minn erba' snin.

Fir-rigward tal-obbligu tad-dannġġejat li jimminimizza d-danni, huma applikabbli s-segwenti principji esposti fis-sentenza fl-ismijiet **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri**, fejn gie osservat hekk:-

"*Huwa minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b'mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni*

[23] Dok. VC33, paġna 67 tal-atti tal-kawża.
[24] Ara paġna 181 tal-atti tal-kawża.

*dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero` dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara [Vol.XXXVIII.I.249].*

Dan il-principju jinsab enuncjat fit-termini segwenti fil-*Halsbury* citat mill-Qorti tal-Appell [Inf.] fis-sentenza fl-ismijiet **John Xuereb v. James Edward Livick et**[25]:-

"*It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and **he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect**, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Imbagħad:-

*"Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"*[26]

Fil-każ in diżamina, il-miżuri li kien mistenni jieħu l-attur ċioe' li jgħarraf kif imiss lil ħutu li kien daħal fi spejjeż fit-treġija tal-affarijiet tagħhom, ma kienu jitfgħu ebda piż ta' ebda xorta fuq l-attur għaliex kienu biss miżuri ordinarji u bażiċi li huma mistennija jittieħdu minn kull min jaġixxi bħala *bonus paterfamilias* fit-triġija tal-affarijiet ta' ħaddieħor.

Ikkunsidrat;

Fil-qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-attur ipprova li għandu jedd għall-ħlas tas-somma minnu reklamata għall-magazzinaġġ tal-għamara tal-konvenuti bejn l-1 ta' Marzu 2010 u t-3 ta' Settembru 2014.

---

[25] Deciza 3 ta' Novembru 1956.

[26] Appell Civili: **Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri**, deciza fl-24 ta' Jannar 1969.

Speċifikatament, l-elementi tal-azzjoni kif imsejsa fuq obbligazzjoni mnissla *ex quasi contractu* ma ġewx ippruvati kif imiss u konsegwentment l-attur ma jistax iserraħ fuq obbligazzjoni bħal din biex jikseb kundanna għall-ħlas tal-ammont pretiż minnu fir-Rikors promotur.

Billi ma ġie ppruvat l-ebda jedd ieħor għall-ħlas tal-ammont reklamat in linea tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ tal-mobbli, il-Qorti sejra tiċħad it-talba tal-attur.

Madankollu, billi l-attur kien fattwalment awtorizzat bis-saħħa tad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Mejju 2009 li **jiddisponi** mill-mobbli assenjati lill-konvenuti u li kienu jinsabu fil-proprjeta' tiegħu, il-Qorti hi tal-fehma li l-ispejjeż li ntefqu mill-attur għat-tneħħija tal-mobbli mill-proprjeta' tiegħu, fis-somma ta' €100, skont kif jirriżulta mill-fattura datata 1 ta' Marzu 2010[27], ġew inkorsi leġittimament u bid-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz ta' digriet li ġie ordnat li jintbagħat minnufih lill-partijiet u lill-avukati tagħhom. Huwa minnu li l-Qorti ma ppreffiġġiet l-ebda terminu li fih il-konvenuti kellhom jiġbru l-mobbli mill-pussess tiegħu qabel ikun awtorizzat jiddisponi minnhom, minkejja li l-attur kien għamel talba f'dan is-sens fir-rikors tas-16 ta' April 2009. Iżda meta sa erba' snin wara l-konvenuti - li kienu jafu bid-digriet tat-28 ta' Mejju 2009 - baqgħu passivi, il-Qorti tqis illi *ex post facto*, l-attur kien pjenament ġustifikat jiddisponi minn dawn il-mobbli a spejjeż tagħhom billi jinkariga lil terzi biex iġorruhom u jneħħuhom mill-proprjeta' tiegħu.

Konsegwentement, il-Qorti serja tilqa' t-talba tal-attur limitatament għar-rifużjoni tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-mobbli tal-konvenut mill-proprjeta' tal-istess attur, fis-somma komplessiva ta' €100 u sejra tordna lill-konvenut jħallsu nofs din is-somma kull wieħed.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni u tiċħad it-tieni eċċezzjoni sollevata fir-Risposti rispettivi tal-konvenuti, qiegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni tagħhom u konsegwentement tilqa'**

[27] Dok. VC14, paġna 47 tal-atti tal-kawża.

**biss parzjalment it-talba tal-attur billi tikkundanna lill-konvenuti FRANCIS SIVE FRANK CARUANA u JOSEPH CARUANA *in solidum* iħallsu lil VINCENT CARUANA s-somma ta' mitt Euro (€100) rappreżentanti rifużjoni tal-ispejjeż għall-ġarr tal-mobbli msemmija fir-Rikors promotur, bl-imgħax mill-5 ta' Diċembru 2018, id-data tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja għall-ħlas.**

**L-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal erba' kwinti (4/5) mill-attur Vincent Caruana u in kwantu għall-kumplament mill-konvenuti *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**